MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1385/2003

**BOOK DISTRIBUTORS (B.D.L.) Ltd (C-11459)**

**vs**

**JET-TECH Ltd (C-18866)**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih is-soċjeta' attriċi, wara li ppremettiet:

Illi s-soċjeta' konvenuta xtrat prodotti varji mingħand is-soċjeta' attriċi ammontanti għall-tmint elef seba' mija sitta u sebgħin Lira Maltin u disa' ċenteżmi (Lm8,776.09) u dan kif jirriżulta mill-prospett ezibit u mmarkat DOK BDL 1;

Illi għalkemm is-soċjeta' konvenuta ġiet interpellata bosta drabi sabiex tħallas dan il-bilanċ hija baqgħet inadempjenti;

Illi għalhekk is-somma ta' tmint elef seba' mija sitta u sebgħin Lira Maltin u disa' ċenteżmi (Lm8,776.09) għadha sal-lum dovuta mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' attriċi;

Għalhekk is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-ragunijiet premessi u bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a tenur ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u in vista ta' l-affidavit ta' l-attur nomine (Dok BDL3):

1. Tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta debitriċi versu s-soċjeta' attriċi fis-somma ta' tmint elef seba' mija u sebgħin Lira Maltin u disa' ċenteżmi (Lm8,776.09) dovuti għar-ragunijiet suesposti;

2. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas l-ammont hekk dovut;

Bl-ispejjeż, inkluzi l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jiġi ppreżentat kontestwalment ma' din iċ-ċitazzjoni u bl-imgħaxijiet mid-data tal-fatturi relattivi hekk kif indikati fil-prospett immarkat bħala DOK BDL1 sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-soċjeta' konvenuta li hija minn issa stess nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lis-soċjeta' konvenuta li naqset li tippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta tiddeċiedi billi **tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi** kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------